DIKJARAZZJONI

**~~Mozzjoni~~ biex titressaq fil-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv Kappara tal-11 ta' Settembru 2012**

**Il-Kumitat Amministrattiv Kappara fil-laqgha tieghu tal-11 ta' Settembru 2012:**

**JINNOTA d-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-21 ta' Awwissu biex jinghata kulur lil xi partijiet mill-paviment tal-Gnien G M Camilleri u li f'parti tal-gnien imsemmi jinstab post zghir fejn tfal tar-residenti jistghu jilghabu "Il-Passju";**

**JIRRINGRAZZJA lil dawk iz-zghazagh li, fil-hin liberu taghhom, ghamlu bicca xoghol delizzjuza taht is-supervizjoni u bl-ghajnuna tal-membru Janet Barthet;**

**JIDDEPLORA l-pubblicita hazina mghotija f'gurnal minn numru zghir ta' residenti u mhumiex ghal din l-inizjattiva li giet apprezzata minn residenti ohra;**

**JIDDEPLORA WKOLL il-pubblicita negattiva ghall-allegazzjonijiet li l-gnien qed ikun post fejn titmexxa d-droga u li fil-gnien koppji gew innutati jaghmlu atti ndecenti;**

**JINSISTI li r-rapporti li saru lill-Pulizija dwar l-allegazzjonijiet fuq imsemmija ikomplu jigu segwiti;**

**JIPPROPONI li jittiehdu passi urgenti ma' l-Environmental Landscape Consortium biex immedjatament jaraw li l-gnien jinghata d-dehra mixtieqa u mistennija u li l-ELC regolarment tassigura li l-gnien jinzamm kif suppost skont it-termini tal-kuntratt bejnhom u bejn il-Kumitat Amministrattiv / Kunsill Lokali San Gwann;**

**JAPPELLA li jigi assigurat li ma jsir l-ebda vandalizmu fil-gnien u fil-madwar.**

11/09/2012

ALFRED MANGION